**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Adrian Pace maghruf bhala Adrian Pace Gouder**

**Rik Nru: 931/2015**

**Illum 14 ta' Jannar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Adrian Pace maghruf bhala Adrian Pace Gouder, detentur tal-karta tal-identita' 162972(M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Novembru 2015 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30am) gewwa l-istabiliment Flasback, Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkagun ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Roxanne Brignoli (Art 214, 216 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija mitluba li titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Roxanne Brignoli jew sabiex tinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena

applikabbli ghar-reat, turbot lil hatja b'obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab addebitat li kkaguna ferita gravi fuq Roxanne Brignoli u li huwa recediv.

**Roxanne Brignoli** xehdet[1] li fit-22 ta' Novembru 2015 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu kienet gewwa Flasback, Paceville flimkien ma' ohtha Cynthia. Hija qalet li lill-imputat ma tafux. Mar jittantaha u gieli anki ttanta lil ohtha. Tixhed li kienu qeghdin jizfnu. Tghid li l-imputat kien quddiem ohtha u kif daret waqt li qed tizfen hareg siequ, waqghat u sofriet griehi f'idejha u xuftejha intefhitilha. Inkissrulha snienha wkoll. Mistoqsija ghalfejn hareg saqajh qalet *'hareg saqajh ghax abbli gieli jittanta u ahna qatt ma tajnih wicc'*. Ma kellhom l-ebda argument dakinhar. Tghid li kif waqqaghha qamet mill-art rrabjata u hargilha s-subghajn tan-nofs u beda jidhak go wiccha. Tghid li dehrilha li ghamilha b'vendikazzjoni. Tghid li marret l-Isptar u fis-sebgha ta' filghaxija marret taghmel rapport l-Ghassa u damet xahar ma tmur xoghol.

In kontro-ezami[2] qalet li dakinhar kienet quddiem id-DJ. Bhala gurnata kienet is-Sibt. Taqbel li fuq id-dancefloor kien hemm nies ohra apparti hija, ohtha u l-imputat. Tghid li fejn kienu ohtha u hija ma kienx hemm nies. L-imputat kien ilu jittanta lilha u lil ohtha izda qatt ma tawh wicc.

[1] Seduta tal-5 ta' April2017
[2] Seduta tal-25 ta' Gunju 2018

Dak il-hin ma kellimhiex izda kif tah il-gambetta raha bid-demm ma' wiccha, qasmilha xufftejha u kissrilha snienha u ghamlet xahrejn ma tmurx xoghol. Haditha li ghamililha b'vendikazzjoni. Kien hemm nies mhux ma kienx hemm imma fejn kienu hija u ohtha ma kienx hemm ezagerazzjoni ta' nies. Tichad li hija ratu johrog saqajh u hija dahlet fiha. Tghid li hija rat lill-imputat johrog saqajh. L-imputat kien qed jipprova jizfen maghhom u ma tawhx wicc. Tghid li ghamlet rapport fis-sebgha ta' filghaxija ghaliex dak il-hin marret id-dar u ma ppretendietx li kellha idejha miksura mill-minkeb. Kif qamet filghodu sabet idha ballun. Pero' filghodu marret l-isptar. Tghid li qatt ma argumentat max-xhud. Il-griehi taghha gew iccertifikati minn Dr Satya Bras wara li ezaminaha u gew certifikati bhala gravi[3].

**Cynthia Brignoli** xehdet[4] li fit-22 ta' Novembru 2015 ghall-habta tat-3.30am kienet gewwa Flashback flimkien ma' ohtha Roxanne. L-imputat kien quddiemha u f'daqqa minnhom rat siequ hierga barra u waqqa' lil ohtu. U x'hin qamet kellha xufftejha kollha demm, kissrilha snienha. Hareg siequ b'vendikazzjoni. Kien dritt qisu Suldat. X'hin ohtha qamet ma qaltlu xejn, marret maghha t-toilet u hargilha s-subghajn tan-nofs.

In kontro-ezami xehdet[5] li hija qatt ma kienet rat lill-imputat, forsi xi xahar qabel ghax ittantaha. Fix-xhieda taghha ma semmietx l-episodju li ttantaha qabel ghax insiet. Id-disco gieli jkun mudlam u gieli mixghul. Dakinhar tal-incident kienu vicin it-toilets. Kienu qed jizfnu. Kien mimli nies u fosthom kien hemm l-imputat. Hija rat lill-imputat johrog saqajh u waqqa' lil ohtha. Meta ohtha qamet l-imputat beda jidhak u johrog subghajh tan-nofs. Ohtha ma tkellmet xejn. Dakinhar ma sehh l-ebda argument mal-imputat. Hija ma tafux. Kien diga' ittantaha lil ohtha xi tlett gimghat qabel.

**L-Ispettur Trevor Micallef**[6] xehed li fit-22 ta' Novembru 2015 kien infurmah is-Surgent 69 Jesmond Cremona li kien sar rapport minn Roxanne Brignoli fejn kienet marret flimkien ma' ohtha fejn allegat li waqt li kienet gewwa Flasback ghall-habta tat-3.30a.m kien hemm certu Adrian

[3] Seduta tal-5 ta' April 2017
[4] Seduta tal-5 ta' April 2017
[5] Seduta tad-29 ta' Ottubru 2018
[6] Seduta tal-5 ta

Pace Gouder li hargilha saqajh apposta u kien waqqaghha mal-art bil-konsegwenza li kellha grievi gravi. Kien sab lill-imputat fis-26 ta' Novembru 2015 u hadlu stqarrija. **PS 345 Mark Cremona** ikkorobora[7] dak li xehed l-Ispettur Micallef.

**L-imputat** xehed[8] li dakinhar kien Flasback f'Paceville. Mar hdejn id-DJ li huwa habib tieghu. Tela' hdejh u halla l-basket hdejh. Nizel jiehu drink mal-bar u mar biex jaghmel rikjesta ta' kanzunetta u wara li daqq zewg diski, daqqlu d-diska li jhobb huwa u hareg jizfen. Fid-dance floor kien hemm hafna nies u ra wahda warajh li bdiet tghajjat u toffendih. Staqsiha min kienet. Huwa ma kellimhix. Kellha riha ta' xorb. Bdiet tghajjat u toffendih u huwa qalilha biex tmur 'l hemm billi lanqas kien jafha u mar ikompli jixrob mal-Bar. Huwa jichad li taha Gambetta ghaliex huwa jizfen kien. Xehed li huwa qatt ma kellem lil Roxanne Brignoli u lanqas kien qatt raha. Ma jeskludix li seta' ittantaha xi darba. Qal li huwa minnu li huwa dahak biha ghax filli kien qieghed jizfen u filli sab mara tghajjru u lanqas jaf x'kien gara. Hija marret ittaptaplu fuq dahru, imbuttatu u bdiet tghajjat. Qal li kienet xurbana kemm ghaliex kellha riha ta' xorb u kienet qed tixxengel. Qal li kien hemm rassa ta' nies u kien mudlam. In kontro-ezami qal li kien ghadu gej mill-Black Gold fejn kien xorob massimu ta' erba' birra miz-zghar.

**Ikkunsidrat**

Illi waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-imputat attakka l-kredibilita' ta' Roxanne u Cynthia Brignoli. Il-Qorti jidhrilha li l-ahwa Brignoli ma kienux konsistenti fix-xhieda taghhom u infatti l-inezattezzi taghhom ma jwasslux sabiex din il-Qorti tkun konvinta moralment li dak li sostnew kien proprju dak li gara. Il-versjoni taghhom hija li l-imputat ghal xejn b'xejn ta gambetta lil Roxanne Brignoli bil-konsegwenza li din wegghet u sofriet griehi ta' natura gravi hekk kif jirrizulta mic-certifikat rilaxxat minn Dr Satya Brata Das[9]. L-imputat ukoll ta l-versjoni tieghu fejn cahad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu. Il-Qorti tqis li l-versjoni moghtija mill-parte civile mhix kredibbli tenut kont li l-partijiet kienu

[7] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2017
[8] Seduta tat-8 ta' Mejju 2019
[9] A fol 9 tal-process

f'ambjent fejn kien hemm dlam, fejn mhux kredibbli li ma kienx hemm nies ohra fil-vicin f'dak il-mument u l-fatt ukoll li ma jirrizultax li kien hemm xi kwistjonijiet fl-istess jum u drabi qabel bejn l-istess partijiet, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi l-ewwel imputazzjoni.

Billi l-addebitu tar-recediva huwa konsegwenzjali ghall-ewwel imputazzjoni u billi l-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, isegwi li lanqas tal-addebitu tar-recediva ma jista' jinstab hati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**